MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2004

Numru 817/2000

**Il-Pulizija**
(Spettur Alexander Paul Miruzzi)
**vs**
**Raymond Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Raymond Farrugia ta' 44 sena imwieled gewwa l-Pieta' fil-05 ta' Settembru 1960 iben George u Giuseppa xebba Catania residenti 'Rayma' Triq tal-Mahznier, Luqa u detentur tal-karta' ta' l-identita bin-numru 609060 (M).

Talli:-
Fit-30 ta' Novembru 2000, ghall-habta ta' l-ghaxra ta' fil-ghodu fl-Imqabba attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn

servizz pubbliku, jigifieri Enforcement Officer ta’ l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar Johann Buttigieg, fil-waqt li kien qed jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti. Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 96 (a) tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, f’kull kaz iehor mhux imsemmi fl-ahhar zewg artikoli ta’ qabel l-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9, ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, jigifieri Enforcement Officer ta’ l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar Johann Buttigieg waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz. Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 95 tal-Kapitlu 9 tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ostakola jew xort’ohra fixkel, jew ippruva jzomm, jostakola jew ifixkel lill-enforcement officers ta’ l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar Johann Buttigieg, Joseph Felice u Joseph Zammit u lill-Ufficcjali tal-Pulizija PS 116 Cauchi, PC 389 Bonnici, PC 1462 Green u PC 1033 Mangion fl-ezekuzzjoni tad-dmirijiet taghhom taht l-Att 1 ta’ l-1992 u naqas milli jaghmel dak li ragonevolment gie mitlub li jaghmel minn dawn l-istess ufficcjali ta’ l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar u tal-Pulizija u dan skond l-artikolu 56 ta’ l-Att 1 ta’ 1992 dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp.

U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta’ l-Awtorita’ jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jigifieri fost l-ohrajn ta’ PS 116 Cauchi, PC 389 Bonnici, PC 1462 Green u PC 1033 Mangion jew ma halliejhomx jew fixxkilhom waqt li kienu qed jaghmlu id-dmirijiet taghhom, jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahal fid-dmirijiet taghhom, billi ma halliehx lil-haddiehor jaghmel li b’ligi jkun ordnat jew jistgha jaghmel, jew billi gieb fix-xejn jew hassar dak li haddiehor kien ghamel skond il-ligi, jew b’xi mod iehor li jkun, kemm il-darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma kien jaqa’ taht disposizzjonijiet ohra tal-Kapitlu 9 tal-Kodici Kriminali

jew ta’ ligi ohra. Dan bi ksur ta’ l-artikolu 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghad li kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxen jew indicenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew b’mod iehor li mhux provdut f’dan il-kodici, offenda il-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika. Dan bi ksur ta’ l-artikolu 338 (bb) tal-Kapitlu 9 tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b’xi mod iehor mhux imsemmi band’ohra fill-kodici kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet pubbliku. Dan bi ksur ta’ l-artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 Kodici Kriminali Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghhu jigi trattat bi procedura specjali minn din il-Qorti.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat

1. Mix-xhieda jirrizulta li nhar it-tletin (30) ta’ Novembru 2000 ghall-habta tas-07.00am kuntistabbli numru 116, Richard Cauchi, kuntistabbli numru 389 Silvio Bonnici, kuntistabbli numri 1033, Mangion u 1462 Green kienu qed jassisstu lill-membri ta’ l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar fit-twaqqih ta’ bini illegali fil-limiti ta’ l-Imqabba, propjeta’ ta’ l-akkuzat. Il-membri ta’ l-Awtorita kienu Johann Buttigieg, Joseph Zammit u Joseph Felice. L-akkuzat ta daqqa ta’ ponn lill-Buttigieg u ghamillu ferita hafifa wara li kien mizmum mill-pulizija u “zgiccalna f’dawk il-mumenti zghar hekk u xejjirlu daqqa ta’ ponn fuq wiccu” (xhieda ta’ Bonnici). Skond il-kuntisstabbli Green l-akkuzat beda jissara maghhom. L-akkuzat offenda lill-kullmin kien fuq il-post bi kliem u wkoll dagha. Wara l-akkuzat ikkalma u

halla lil persuni msemmija jwettqu dmirhom. L-imsemmi Buttigieg hafer lill-akkuzat quddiem din il-Qorti.

2. Fil-konfront ta' Johann Buttigieg l-akkuzat kiser l-artikolu 96 (a) tal-Kapitolu 9 u l-artikolu 56 (1) (d) tal-Kapitolu 356 tal-Ligijiet ta' Malta mhabba dak diga jmsemmi.

3. Fil-konfront ta' Joseph Felice u Joseph Zammit kiser l-art 56 (1) (d) tal-Kapitlu 356.

4. Fil-konfront tal-kuntistabbli Cauchi, Bonnici, Green u Mangion kiser l-artkolu 56 (1) (d) tal-Kapitolu 356.

5. Minn imkien ma tirrizulta l-kontravenzjoni taht l-artikolu 338 (ee) u minnha l-akkuzat qed jigi liberat.

6. It-tieni akkuza ma tirrizultax. Dwar ksur tal-bon ordni, din il-kontravenzjoni hi assorbita fl-ohrajn.

7. Rat l-artikoli 96 (a) tal-Kapitolu 9 u l-artikolu 56 (1) (d) tal-Kapitolu 356.

8. Rat wkoll l-artikolu 28 A li thoss li ghanda tapplika stante li l-fedina penali ta' l-akkuzat mhix mgharrqa, stante li l-akkuzat wara li ghaddietlu s-sahna kkopera ma l-ufficcjali u l-pulizija, stante li Johan Buttigieg hafer lill-akkuzat. Il-Qorti qed taghmilha cara li l-imgieba ta' l-akkuzat haqqa kull kundanna ghax nies li qed jaqdu dmirhom skond il-ligi ma ghandhomx jigu mghajra, imfixkla fil-qadi ta' dmirhom u mwegga, nies li ghandhom xoghol li drabi mhux ser jigbed is-simpatija tan-nies imma jried isir ghall-gid tas-socjeta'.

Tikkundanna lill-akkuzat sitt xhur prigunerija, liema sentenza m'ghandiex tidhol fis-sehh hlief jekk l-akkuzat jaghmel reat iehor fi zmien sena minn illum. Il-Qorti qed tispjega lill-hati. Il-Qorti qed tispjega lill-hati bi kliem car ir-responsabilta tieghu that l-artikolu 28B jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------